VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,746, 5 ta' Mejju, 2011
Taqsima B

A.L. 166 tal-2011

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2011 dwar is-Suq tal-Elettriku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir- regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar is-Suq tal-Elettriku.

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2009/72/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u jħassru d-Direttiva 2003/54/KE dwar regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku, d-Direttiva 2005/89/KE dwar miżuri biex iħarsu s-sikurezza tal-provvista tal-elettriku u l-investiment fl-infrastruttura u l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli komuni dwar il-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-provvista tal-elettriku, flimkien ma' dispożizzjonijiet dwar il-ħarsien tal-konsumatur, bil-għan li jiġu mtejba u integrati swieq tal-elettriku kompetittivi fil-Komunità. Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu wkoll:

(a) ir-regoli li jkollhom x'jaqsmu mal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-settur elettriku;

(b) kull aċċess għas-suq meta dan ikun japplika, il-kriterji u proċeduri li japplikaw fil-każ ta' sejħat għal offerti u l-għoti ta' awtorizzazzjonijiet u t-tħaddim ta' sistemi;

(ċ) obbligazzjonijiet ta' servizz universali u d-drittijiet li għandhom il-konsumaturi tal-elettriku u kjarifika dwar il-ħtiġiet tal-kompetizzjoni.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu wkoll miżuri biex tiġi mħarsa is-sikurezza tal-provvista tal-elettriku bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament korrett tas-suq tal-elettriku u biex jiġi żgurat livell adegwat ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni, bilanċ adegwat bejn provvista u domanda, u livell adatt ta' interkonnessjoni.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

Kap. 423.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"bilanċ bejn provvista u domanda" tfisser il-fatt li tiġi sodisfatta kull domanda prevista tal-konsumaturi li jkunu jużaw l-elettriku mingħajr il-ħtieġa li jiġu infurzati miżuri biex jitnaqqas il-konsum;

"derivattiva dwar l-elettriku" tfisser strument finanzjarju speċifikat fil-punti 5, 6 jew 7 ta' Sezzjoni Ċ ta' Anness I li jinsab mad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq is-swieq fi strumenti finanzjarji (meta dak l-istrument ikollu x'jaqsam mal-elettriku);

"Direttiva 68/151/KEE" tfisser id-Direttiva 68/151/KEE tal-Komunità Ekonomika Ewropea tad-9 Marzu 1968 fuq il-koordinament ta' salvagwardji li, għall-ħarsien tal-interessi tal-membri u oħrajn, huma meħtieġa minn Stati Membri ta' kumpaniji fil-kuntest tat-tifsir tat-tieni paragrafu tal-artikolu 58 tat-Trattat, bil-għan li dawn is-salvagwardji jsiru ekwivalenti mal-Komunità kollha, kif emendati b'liġijiet sussegwenti;

"distribuzzjoni" tfisser it-trasport ta' sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku b'vultaġġ għoli, vultaġġ medju u vultaġġ baxx bil-għan li jiġi mwassal lill-klijenti, iżda ma jkunx jinkludi l-provvista;

"ġenerazzjoni" tfisser il-produzzjoni tal-elettriku ;

"ġenerazzjoni distribwita" tfisser impjanti ta' ġenerazzjoni konnessi mas-sistema ta' distribuzzjoni;

"interkonnettur" tfisser tagħmir li jkun jintuża biex jgħaqqad is-sistemi tal-elettriku;

"intrapriża tal-elettriku" tfisser persuna li minn tal-inqas tkun twettaq waħda minn dawn il-funzjonijiet li ġejjin: il-ġenerazzjoni, trażmissjoni, distribuzzjoni, provvista, jew xiri ta' elettriku, li tkun responsabbli għall-operazzjonijiet kummerċjali, tekniċi jew ta' manutenzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' dawk il-funzjonijiet, iżda ma tkunx tinkludi klijenti aħħarin;

"intrapriża tal-elettriku integrata" tfisser intrapriża integrata vertikalment jew orizzontalment;

"intrapriża integrata orizzontalment" tfisser intrapriża li tkun twettaq minn tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni għall-bejgħ, jew it-trażmissjoni, jew distribuzzjoni, jew provvista tal-elettriku, u xi attività oħra li ma jkolliex x'taqsam mal-elettriku;

"intrapriża integrata vertikalment" tfisser intrapriża tal-elettriku jew grupp ta' intrapriżi tal-elettriku meta l-istess persuna jew l-istess persuni jkollhom dritt, direttament jew indirettament, li jeżerċitaw kontroll, u meta l-intrapriża jew grupp ta' intrapriżi jwettqu minn tal-inqas waħda mill-funzjonijiet ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni, u minn tal-inqas waħda tal-funzjonijiet ta' ġenerazzjoni jew ta' provvista tal-elettriku;

"intrapriża relatata" tfisser intrapriża affiljati, fil-kuntest tat-tifsir tal-Artikolu 41 tas-seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 44(2)(g) u jew intrapriżi assoċjati, fil-kuntest tat-tifsir tal-Artikolu 33(1) ta' dik id-Direttiva, u, jew intrapriżi li jkunu jappartjenu lill-istess investituri;

"intrapriżi żgħar" tfisser intrapriżi li jkollhom inqas minn 50 persuna jaħdmu fihom u fatturat annwali jew karta tal-bilanċ ta' mhux iżjed minn 10 miljun euro;

"ippjanar għal żmien twil" tfisser l-ippjanar tal-ħtieġa għal investiment fil-kapaċità ta' ġenerazzjoni u trażmissjoni u distribuzzjoni fuq medda ta' żmien twil, bil-għan li jkun hemm konformità mad-domanda tas-sistema għall-elettriku u l-iżgurar ta' provvisti lil klijenti;

"klijent" tfisser jew persuna li tkun tixtri l-elettriku bl-ingrossa għal finijiet ta' bejgħ mill-ġdid jew klijent aħħari tal-elettriku;

"klijent aħħari" tfisser persuna li tkun tixtri l-elettriku għal użu jew konsum tagħha u mhux għal finijiet ta' bejgħ bl-ingrossa jew bl-imnut;

"klijent domestiku" tfisser persuna li tkun tixtri l-elettriku għall-konsum domestiku tagħha, esklużi attivitajiet kummerċjali jew professjonali;

"klijent mhux domestiku" tfisser persuna li tkun tixtri l-elettriku li ma jkunx għall-użu domestiku tagħha u tkun tinkludi produtturi u klijenti bl-ingrossa;

"klijenti bl-ingrossa" tfisser persuna li tkun tixtri l-elettriku bl-ingrossa għal fini ta' bejgħ mill-ġdid fis-sistema jew barra minnha fejn dik il-persuna tkun stabbilita, mhux għal użu jew konsum tagħha;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendata bi Trattati sussegwenti;

"kontroll" tfisser drittijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, jew separatament jew flimkien u filwaqt li tingħata mportanza għall-kunsiderazzjonijiet ta' fatt jew ta' liġi involuti, jagħtu l-possibilità li tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq intrapriża, b'mod partikolari permezz:

(a) tal-proprjetà jew id-dritt li jiġu wżati l-assi kollha ta' impriża, jew parti minnhom;

(b) drittijiet jew kuntratti li jkunu jattribwixxu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, votazzjoni jew deċizjonijiet tal-organi ta' intrapriża;

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea mwaqqfa bit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendata bi Trattati sussegwenti;

"kuntratt għall-provvista tal-elettriku" tfisser kuntratt għall-provvista tal-elettriku, imma ma tkunx tinkludi derivattiva dwar l-elettriku;

"linja diretta" tfisser jew linja tal-elettriku li tkun tgħaqqad sit ta' ġenerazzjoni iżolat flimkien ma' klijent iżolat

jew linja tal-elettiku li tkun tgħaqqad produttur tal-elettriku u intrapriża ta' provvista tal-elettriku biex jipprovdu direttament lill-fondi, sussidjarji u klijenti eliġibbli tagħhom;

"lista ta' verifika dwar l-enerġija li tkun tintuża minn konsumatur" tfisser il-lista ta' verifika dwar informazzjoni prattika li jkollha x'taqsam ma' drittijiet tal-konsumatur tal-enerġija stabbilita mill-Awtorità;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"obbligazzjoni ta' servizz universali" tfisser l-obbligazzjoni imposta fuq provditur biex jiġi żgurat li kull klijent domestiku, u, meta l-Ministru jqis li jkun hekk adatt, intrapriżi żgħar, igawdu servizz universali, jiġifieri d-dritt li jingħataw provvista tal-elettriku ta' kwalità speċifika fit-territorju tagħhom bi prezzijiet raġonevoli, li jistgħu jiġu mqabbla faċilment u biċ-ċar u trasparenti;

"operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni" tfisser persuna li tkun responsabbli biex topera, tkun tiżgura l-manutenzjoni u, jekk ikun meħtieġ, tiżviluppa s-sistema ta' distribuzzjoni f'żona speċifika u, meta dan ikun japplika, l-interkonnessjonijiet tagħha ma' sistemi oħra u li tiżgura l-kapaċità fis-sistema għal żmien twil għal ħarsien ta' domandi raġonevoli dwar id-distribuzzjoni tal-elettriku;

"persuna" tfisser persuna naturali jew ġuridika;

"preċedenza ekonomika" tfisser il-gradwazzjoni ta' sorsi tal-provvista tal-elettriku li jkunu konformi għal kriterji ekonomiċi;

"proċedura ta' bejgħ bl-offerti" tfisser il-proċedura li permezz tagħha l-ħtiġiet supplimentari ppjanati u l-kapaċità ta' tibdil jiġu koperti bi provvisti minn xi kapaċità ta' ġenerazzjoni ġdida jew eżistenti;

"produttur tal-elettriku" tfisser persuna li tkun tiġġenera l-elettriku ;

"provvista" tfisser il-bejgħ jew bejgħ bl-imnut, inkluż il-bejgħ mill-ġdid tal-elettriku lill-klijenti;

"provditur tal-elettriku" tfisser persuna li tkun tbiegħ l-elettriku bl-imnut lill-klijenti;

"Regolament (KE) Nru 714/2009" tfisser Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar kundizzjonijiet ta' aċċess għan-*network* għal skambji tal-elettriku fuq fruntieri u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1228/2003;

"servizz anċillari" tfisser servizz li jkun meħtieġ għall-operazzjoni ta' trażmissjoni jew sistema ta' distribuzzjoni;

"servizz universali" tfisser id-dritt għal provvista ta' elettriku ta' kwalità speċifikata bi prezzijiet raġonevoli, mqabbla faċilment u b'mod ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji;

"sikurezza" tfisser kemm is-sikurezza tal-provvista kemm il-provvista tal-elettriku, u sigurtà teknika;

"sikurezza tal-provvista tal-elettriku" tfisser il-kapaċità ta' sistema tal-elettriku li tipprovdi lill-klijenti aħħarin bl-elettriku;

"sikurezza għal operazzjoni ta' *network*" tfisser l-operazzjoni kontinwa tan-*network* ta' distribuzzjoni f'ċirkostanzi prevedibbli;

"sistema iżolata żgħira" tfisser sistema li fiha jkun sar konsum ta' inqas minn 3,000 GWh fis-sena 1996, fejn inqas minn 5 % tal-konsum annwali jkun miksub permezz ta' interkonnessjoni ma' sistemi oħra;

"sorsi tal-enerġija li jiġġeddu" tfisser sorsi tal-enerġija mhux fossili li jiġġeddu (mir-riħ, xemx, ġeotermali, mewġ, baħar, mill-qawwa tal-ilma, bijomassa, gass tal-*landfill*, u bijogassijiet);

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-domanda" tfisser approċċ globali jew integrat li jkollu l-iskop li jinfluwenza l-ammont u l-frekwenza tal-konsum tal-elettriku biex ikun jista' jitnaqqas konsum ta' enerġija primarja u l-*peak loads* billi tingħata preċedenza lil investimenti f'miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, jew miżuri oħra, bħal m'huma kuntratti

ta' provvista li jistgħu jiġu mwaqqfqa, investimenti kbar biex tiżdied il-kapaċità ta' ġenerazzjoni, jekk dawn msemmija hawn qabel ikunu l-aktar għażla effettiva u ekonomika, filwaqt li tingħata mportanza għall-impatt pożittiv ambjentali tal-konsum mnaqqas fl-enerġija u l-aspetti tal-ispejjeż dwar is-sikurezza ta' provvista u distribuzzjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' dan kollu;

"utent tas-sistema" tfisser persuna li tkun tipprovdi lil, jew li tiġi provduta minn trażmissjoni jew sistema ta' distribuzzjoni.

Liċenzi maħruġin qabel.

3. Kull min qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti kellu liċenza taħt, u kull liċenza maħruġa taħt il-Regolament tal-2004 dwar l-Elettriku, għandu jitqies li tkun inħarġet lilu liċenza jew li dik il-liċenza tkun inħarġet taħt dawn ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal dik il-persuna u dik il-liċenza:

L.N. 511 ta' l-2004.

Iżda dik il-persuna tista' tkompli twettaq dawk l-operazzjonijiet jew attivitajiet skont il-liċenza li jkollha taħt kundizzjonijiet tal-liċenza eżistenti, kemm-il darba ma tkunx meħtieġa mill-Awtorità tapplika għal liċenza ġdida taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda wkoll kull persuna bħal dik għandha tħares dawk il-kundizzjonijiet ta' liċenza kif stabbiliti fil-liċenza l-ġdida li tista' tinħareġ mill-Awtorità b'seħħ minn dik id-data li l-Awtorità tista' tistabbilixxi.

Ħtieġa ta' liċenza.

4. (1) Dawn l-operazzjonijiet u attivitajiet li ġejjin jeħtieġu liċenza li tinħareġ mill-Awtorità u kif ikun hemm f'dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fil-liċenza:-

(a) il-ġenerazzjoni tal-elettriku ;

(b) il-provvista tal-elettriku;

(ċ) it-twettiq ta' kull funzjoni ta' operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Ebda liċenza ma tkun meħtieġa għall-kategoriji speċifikati fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għat-twettiq tal-operazzjonijiet jew attivitajiet imsemmija fiha.

(3) Mingħajr preġudizzju għal kull liġi oħra, liċenzi jistgħu jingħataw jew jiġu miċħuda abbażi tal-kriterji li ġejjin:

(a) il-konformità tal-applikant mal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet l-oħra kollha rilevanti, jkunu kif ikunu deskritti maħruġa minn xi awtorità pubblika jew Dipartiment Governattiv ieħor;

(b) il-kapaċità tal-applikant li jiżgura l-kundizzjonijiet ta' sigurtà fil-kuntest tal-liċenza li għaliha jkun qed japplika;

(ċ) l-integrità privata u professjonali tal-applikant;

(d) il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(e) il-protezzjoni tal-ambjent;

(f) ir-*record* ta' ħarsien ta' dawn ir-regolamenti u ta' kull liġi oħra rilevanti mill-persuna jew entità li fuqha tkun ser tingħata d-deċiżjoni;

(ġ) ħarsien ta' ħtiġiet ta' sigurtà, saħħa, sigurezza, sustanzi perikolużi, ambjent, użu tal-art u ħtiġiet tal-ippjanar.

(4) Applikazzjoni għal liċenza ġdida jew għat-tiġdid tagħha taħt dawn ir-regolamenti:

(a) għandha ssir bil-miktub u f'dik il-forma u għandu jkun fiha dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' teħtieġ;

(b) għandu jkollha magħha dawk id-drittijiet, garanziji bankarji u poloz tal-assigurazzjoni hekk kif l-Awtorità tista' tistabbilixxi u tqis li jkun adatt. Id-drittijiet kollha jitħallsu hekk kif issir l-applikazzjoni u kull garanzija bankarja u, jew polza tal-assigurazzjoni tkun effettiva mid-data tal-ħruġ tal-liċenza u għandha tibqa' valida għal kemm din iddum fis-seħħ. Għandu jitħallas mgħax u penalitajiet, kif stabbiliti mill-Awtorità, fil-każ ta' xi nuqqas fil-ħlas dovut ta' drittijiet:

Iżda liċenza mogħtija taħt dawn ir-regolamenti ma teħlisx lid-detentur tal-liċenza mill-ħtieġa ta' kull liċenza, permess jew awtorizzazzjoni oħra, jew minn kull obbligazzjoni li toriġina minn kull liġi oħra.

(5) Liċenza mogħtija taħt dawn ir-regolamenti tista' tkun tinkludi dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità jidhrulha li jkunu meħtieġa jew spedjenti, fil-qjies tad-dmirijiet tal-Awtorità.

(6) L-Awtorità għandha twassal lill-applikant bil-miktub fi żmien raġonevoli, li ma jkunx wieħed ta' iżjed minn sitt xhur mid-data meta tasal għandha applikazzjoni valida, kull deċiżjoni meħuda dwar applikazzjoni għal liċenza jew applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenza jew kull raġuni valida li żżomm lill-Awtorità milli tasal għal deċiżjoni bħal dik.

Sospensjoni, revoka jew tħassir ta' liċenza.

5. L-Awtorità tista', f'kull waqt fil-kors tal-perjodu li dwarhom liċenza tkun valida, tordna s-sospensjoni, revoka jew tħassir tagħha meta l-Awtorità tkun sodisfatta li:

(a) id-detentur tal-liċenza ikun naqas jew ikun qiegħed jonqos milli jħares xi kundizzjoni tal-liċenza jew dawn ir-regolamenti; jew

(b) id-detentur tal-liċenza ma jkollux kull liċenza, permess u awtorizzazzjoni rilevanti oħra jkunu kif ikunu msemmija li jkunu meħtieġa minn xi awtorità pubblika oħra jew dipartiment tal-gvern ieħor; jew

(ċ) id-detentur tal-liċenza jkun qiegħed jikser kull ħtieġa imposta bil-liġi; jew

(d) id-detentur tal-liċenza jonqos milli jħares xi direttiva mogħtija mill-Awtorità; jew

(e) kull informazzjoni preżentata fl-applikazzjoni għal liċenza jew l-applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenza u li dwarha tkun inħarġet jew iġġeddedt l-liċenza, kif ikun il-każ, tiġi deċiża li tkun falza; jew

(f) jekk id-detentur tal-liċenza ma jħarisx il-kriterji dwar xi wieħed jew aktar mill-kriterji msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti:

Iżda meta tkun qegħda teżerċita s-setgħat li għandha għas-sospensjoni, revoka jew tħassir ta' liċenzi l-Awtorità tista' tikkunsidra x-xorta tan-nuqqas, jew tal-fatt li d-detentur tal-liċenza jkun qiegħed jieħu il-passi adatti li l-Awtorità tqis li jkunu meħtieġa biex iħares il-kundizzjonijiet tal-liċenza, dawn ir-regolamenti jew kull ħtieġa oħra li l-Awtorità tista' tqis li tkun rilevanti.

Tmiem ta' liċenza.

6. (1) Meta d-detentur ta' liċenza li tkun inħarġet taħt dawn ir-regolamenti, jiddeċiedi jew li jissospendi jew li jtemm il-liċenza tiegħu, dak id-detentur għandu fil-minnufih javża lill-Awtorità bil-mod stabbilit mill-Awtorità, biex javża dak it-tmiem jew sospensjoni.

(2) Mar-riċevuta mill-Awtorità lid-detentur ta' liċenza tal-avviż imsemmi fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, il-liċenza għandha titqies li ma tkunx għada fis-seħħ u b'effett minnufih mid-data ta' dik l-irċevuta dak id-detentur għandu jitqies li jkun bla liċenza.

(3) Minkejja kull avviż għat-tmiem jew sospensjoni ta' liċenza, id-detentur tal-liċenza għandu jibqa' responsabbli għall-ħlas ta' kull dritt dovut lill-Awtorità.

Trasferiment ta' liċenza.

7. (1) Liċenza maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex tiġi trasferita b'mod validu *inter vivos* lil xi persuna oħra kemm-il darba:

(a) min jittrasferixxi ma javżax bil-miktub lill-Awtorità b'dak il-mod u manjiera kif l-Awtorità għandha tistabbilixxi;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li minn tal-inqas l-istess kriterji kif elenkati fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jkunu qegħdin jiġu mħarsa;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liċenza; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment tal-liċenza.

(2) Liċenza maħruġa mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti m'għandhiex tiġi trasferita b'mod validu *causa mortis* lil xi persuna oħra kemm-il darba:

(a) min jittrasferixxi ma javżax bil-miktub lill-Awtorità b'dak il-mod u manjiera kif l-Awtorità għandha tistabbilixxi;

(b) l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li minn tal-inqas l-istess kriterji kif elenkati fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jkunu qegħdin jiġu mħarsa;

(ċ) it-trasferiment ma jkunx soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liċenza; u

(d) l-Awtorità ma tapprovax bil-miktub it-trasferiment tal-liċenza:

Iżda liċenza maħruġa kif skont dawn ir-regolamenti għandha tkun dritt indiviżibbli:

Iżda wkoll fil-każ li l-Awtorità tapprova t-trasferiment tal-liċenza kif imsemmi hawn qabel, it-trasferiment għandu jkollu effett retrospettiv mid-data tal-mewt tad-*decujus*.

(2) Meta d-detentur tal-liċenza jkun korp fiżiku jew xi korp ieħor ta' persuni, bidla fil-kontroll tal-proprjetà jew fit-tmexxija ta' dak il-korp għandha titqies bħala li tkun ekwivalenti għat-trasferiment tal-liċenza, u għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Awtorità. Għall-fini ta' dan is-subregolament, trasferiment fil-kontroll tal-proprjetà ta' korp fiżiku jew ta' xi korp ieħor ta' persuni għandu jitqies li jkun ġara f'kull każ meta trasferiment tal-kapital, ishma, *stocks* jew drittijiet oħra miżmuma fil-korp fiżiku jew f'korp ieħor ta' persuni jkun iwassal għal bidla fil-persuna li jkollha l-kontroll relattiv tal-interessi tal-korp.

Ħarsien tal-klijent.

8. (1) L-Enemalta għandha tipprovdi lill-klijenti domestiċi kollha servizz universali, u, meta l-Ministru jqis li jkun hekk adatt, għandha ukoll tipprovdi dak is-servizz universali lill-intrapriżi żgħar.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jqabbad lill-klijenti man-*network* tiegħu taħt dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u tariffi stabbiliti skont il-proċedura stabbilita fis-subregolament (6) tar-regolament 21 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Il-klijenti aħħarin għandhom jirċievu kull informazzjoni dwar il-konsum rilevanti mingħand il-provditur tal-elettriku tagħhom. Il-provditur tal-elettriku għandu jagħti dik l-informazzjoni lill-klijenti b'mod mhux diskriminatorju fir-rigward tal-ispejjeż, sforzi jew żmien.

(4) L-Awtorità għandha tissorvelja, tirrapporta, u tipproponi miżuri lill-Ministru kull sentejn dwar jekk:

(a) ikunx hemm salvagwardji adegwati biex jipproteġu klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni u biex jipproteġu lil klijenti aħħarin f'żoni remoti; u

(b) ikunx hemm livelli għoljin ta' ħarsien tal-konsumatur, b,mod partikolari f'dik li hi trasparenza dwar termini u kundizzjonijiet kuntrattwali, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi ta' riżoluzzjonijiet ta' diżgwit.

(5) Il-klijenti domestiċi jkollhom dritt għall-miżuri stabbiliti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(6) Il-provditur tal-elettriku għandu jispeċifika fil-kontijiet jew flimkien magħhom u fil-materjal ta' promozzjoni li jkun disponibbli għall-klijenti aħħarin:

(a) il-kontribuzzjoni ta' kull sors ta' enerġija lejn it-taħlita totali tal-karburanti tal-provditur fuq is-sena ta' qabel b'mod li jiftiehem u, fuq livell nazzjonali, li jista' jiġi mqabbel b'mod ċar;

(b) minn tal-inqas ir-riferenza għal sorsi ta' riferenza eżistenti, bħal m'huma paġni elettroniċi, meta informazzjoni fuq l-impatt ambjentali tkun disponibbli pubblikament, minn tal-inqas fi kwantitajiet ta' emissjonijiet CO_2 u l-iskart radjuattiv li jkun jirriżulta mill-elettriku prodott mit-taħlita totali tal-karburanti tal-provditur fuq is-sena ta' qabel;

(ċ) informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom fir-rigward tal-mezzi ta' riżoluzzjonijiet ta' diżgwit li jkollhom disponibbli fil-każ ta' xi diżgwit:

Iżda, rigward il-paragrafi (a) u (b) ta' dan ir-regolament fir-rigward tal-elettriku li jkun inkiseb permezz ta' skambju elettriku jew li jiġi impurtat minn intrapriża li tkun tinsab barra l-Komunità, jistgħu jintużaw ċifri aggregati provduti mill-iskambju jew mill-intrapriża in kwistjoni fuq is-sena ta'qabel:

Iżda wkoll, il-provditur tal-elettriku jista jiġi verifikat mill-Awtorità biex jiġi żgurat li l-informazzjoni li tkun provduta bis-saħħa ta' dan ir-regolament tkun affidabbli.

(7) Il-provditur tal-elettriku għandu f'koperazzjoni mal-Awtorità, jieħu l-passi meħtieġa biex jipprovdi lill-klijenti b'kopja tal-lista ta' verifika tal-konsumatur tal-enerġija u jiżgura li din tkun disponibbli għall-pubbliku.

Sorveljanza tas-sikurezza ta' provvista.

9. Minn tal-inqas kull sentejn, id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti sal- jew sa dik id-data skont ma jista' jiġi ordnat mill-Awtorità, l-operatur tas- sistema ta' distribuzzjoni għandu jabbozza u jippreżenta lill-Awtorità stima tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni disponibbli, tal-interkonnetturi ma' sistemi oħra, tal-kapaċità ta' distribuzzjoni attwali, tas-servizzi kollha anċillari, ta' sigurtà ta' *network* operattiv u tad-domanda korrenti għall-elettriku kif ukoll tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni u distribuzzjoni li x'aktarx ikunu konnessi mas-sistema, tal-ħtieġa għal interkonnetturi ma' sistemi oħra, tal-kapaċità ta' distribuzzjoni potenzjali, tas-servizzi kollha anċillari, bl-istima ta' bilanċ ta' provvista u domanda għall-perjodu ta' ħames snin li jkunu ġejjin, u l-prospetti għas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku li jkopri l-perjodu bejn ħamsa u ħmistax-il sena mid-data tar-rapport.

(2) L-Awtorità għandha tissorvelja l-istimi prodotti skont is-subregolament (1) u tippubblika rapport kull sentejn, sal-31 ta' Lulju l-aktar tard. Ir-rapport għandu jiġi abbozzat flimkien mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u għandu jkopri, b'mod partikolari, l-istima ta' bilanċ ta' provvista u domanda għall-perjodu ta' ħames snin li jkunu ġejjin, il-livell ta' domanda mistennija fil-futur u l-kapaċità supplementari li tkun imbassra li tkun qegħda tiġi ppjanata jew taħt kostruzzjoni, u l-kwalità u livell ta' manutenzjoni tan-*networks*, kif ukoll il-miżuri biex ikopru domanda massima u biex jindirizzaw kull telf imbassar fis-suq, il-prospetti għas-sigurtà fil-provvista tal-elettriku għal perjodu bejn ħamsa u ħmistax-il sena mid-data tar-rapport, intenzjonijiet ta' investiment għal ħames snin kalendarji jew aktar li jmiss tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-operatur inklużi kull pjan magħruf għal investiment ta' interkonnessjoni. Il-parti tar-rapport fuq investiment ta' interkonnessjoni, jekk ikun adatt, għandu jqis:

(a) il-prinċipji ta' maniġġar ta' konġestjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Numru 1228/2003;

(b) linji ta' komunikazzjoni eżistenti u dawk ippjanati;

(ċ) mudelli mistennija ta' ġenerazzjoni, provvista, skambjar u konsum transkonfini li jippermettu miżuri ta' maniġġar ta' domanda; u

(d) għanijiet ta' żvilupp sostenibbli reġjonali, nazzjonali u Ewropew, inklużi dawk il-proġetti li jiffurmaw parti mill-assi għal proġetti ta' prijorità stabbiliti fl-Anness 1 mad-Deċiżjoni Numru 1229/2003/KE.

Regoli tekniċi.

10. F'dak iż-żmien u wara li ssir dik il-konsultazzjoni li l- Awtorità tista' tordna, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jħejji u jippublika *network code*, kif soġġett għall-approvazzjoni tal-Awtorità, fejn jistabbilixxi d-disinn tekniku bażiku u l-ħtiġiet operattivi biex issir konnessjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni ta' stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni, l-istallazzjonijiet ta' konsumaturi u linji diretti, u tistabbilixxi l-minimu ta' regoli u obbligazzjonijiet fuq sigurtà ta' *network* operattiv u l-livell ta' ċirkostanzi mbassra fejn għandha tinżamm is-sigurtà. In-*network code* għandu jkun wieħed oġġettiv u mhux diskriminatorju u jkun imfassal hekk kif ikun. In-*network code* għandu jiġi notifikat skont ir-Regolamenti dwar Proċedura għall-Għoti ta' Informazzjoni. L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tagħti direttivi, li jistgħu jinkludu kriterji ta' sigurtà tekniċi, lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni dwar dak li għandu jiġi msemmi fin-*network code* u kull reviżjoni relattiva li għandha ssir mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

A.L. 419 ta' l-2006.

Proċedura ta' awtorizzazzjoni għal kapaċità ġdida.

11. (1) Il-kostruzzjoni ta' kapaċità ġenerattiva ġdida tkun teħtieġ awtorizzazzjoni mill-Awtorità. Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għall-kostruzzjoni ta' kapaċità ġenerattiva ġdida, għandha titmexxa skont il-kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji:

Iżda ebda awtorizzazzjoni bħal dik m'għandha tkun meħtieġa għall-produtturi msemmija fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) L-awtorizzazzjonijiet liċenzi jistgħu jiġu mogħtija jew miċħuda abbażi tal-kriterji msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(3) L-Awtorità meta tipproċessa l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet, għandha tqis id-daqs limitat u l-impatt potenzjali tal-impjant ta' ġenerazzjoni li għalih l-applikazzjoni tkun tirreferi.

Offerti għal kapaċità ġdida.

12. (1) Jistgħu jiġu provduti miżuri ta' tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-domanda, fl-interessi tas-sigurtà tal-provvista, permezz ta' proċedura ta' bejgħ bl-offerti jew ta' proċedura ekwivalenti skont it-trasparenza u ebda diskriminazzjoni, abbażi ta' kriterji stabbiliti. Dawk il-proċeduri jistgħu, madankollu, jiġu mħejjija biss meta, abbażi tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni, il-kapaċità ġenerattiva li għandha tinbena jew il-miżuri ta' tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-

domanda li għandhom jittieħdu ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista. Dik l-offerta tista' tiġi mħejjija minn korp pubbliku jew korp privat li jkun indipendenti minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni, trażmissjoni, distribuzzjoni u provvista tal-elettriku, li jinħatar għal dak l-għan mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta. Dan il-korp għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jiżgura l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tkun tinsab fl-offerti u għandu jsegwi r-regoli msemmija fis-subregolament (3):

Iżda l-Ministru jista' jiddeċiedi li ma jadottax dik il-proċedura ta' bejgħ bl-offerti jew xi proċedura ekwivalenti skont it-trasparenza u ebda diskriminazzjoni, abbażi ta' kriterji ppubblikati kemm–il darba l-adozzjoni tagħha tkun tfixkel it-twettiq, fid-dritt jew fil-fatt, tal-obbligazzjonijiet imposti fuq intrapriżi tal-elettriku fl-interess ekonomiku ġenerali u sakemm l-iżvilupp tal-kummerċ ma jintlaqatx daqstant li jkun kuntrarju għall-interessi tal-Komunità. L-interessi tal-Komunità jinkludi l-Artikolu 86 tat-Trattat.

(2) Il-Ministru jista' jiżgura l-possibilità, fl-interessi tal-ħarsien tal-ambjent u l-promozzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jkunu għadhom fil-bidu tagħhom, ta' offerti li jsiru għal kapaċità ġdida abbażi tal-kriterji pubblikati. Dawk l-offerti jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' kapaċità ġdida jew mal-miżuri ta' tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-domanda. Proċedura ta' bejgħ bl-offerti tista' madankollu, tiġi mniedija biss meta, abbażi tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni l-kapaċità ġenerattiva li għandha tinbena jew il-miżuri li għandhom jittieħdu, ma jkunux biżżejjed biex jiksbu dawk l-għanijiet.

(3) Id-dettalji tat-proċedura ta' bejgħ bl-offerti għal mezzi ta' kapaċità ġenerattiva u miżuri ta' tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-domanda għandhom jiġu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* minn tal-inqas sitt xhur qabel id-data tal-għeluq għall-offerti. L-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għandhom jintgħamlu disponibbli għal kull intrapriża li jkollha interess imwaqqfa fit-territorju ta' Stat Membru biex ikollha żmien biżżejjed li fih tista' tippreżenta l-offerta tagħha:

Iżda bil-għan li tiġi żgurata t-trasparenza u ebda diskriminazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta għandu jkun fihom deskrizzjoni dettaljata tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt u tal-proċedura li għandha tiġi segwita mill-offerenti kollha u lista eżawrjenti ta' kriterji li jirregolaw is-selezzjoni ta' offerenti u l-għoti tal-kuntratt, inklużi inċentivi, bħal m'huma sussidji, koperti

bit-tender. Dawk l-ispeċifikazzjonijiet jistgħu jkollhom x'jaqsmu wkoll mal-oqsma msemmija fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

(4) Meta jiġu mitluba offerti għall-kapaċità ġenerattiva meħtieġa, għandhom jitqiesu wkoll l-offerti għall-provvista tal-elettriku flimkien ma' garanziji għal żmien twil minn uniti ġenerattivi eżistenti, kemm-il darba b'dan il-mod jista' jkun hemm ħarsien tal-ħtiġiet supplimentari.

Ħatra u xogħlijiet ta' operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

13. (1) Il-Korporazzjoni Enemalta qegħda tinħatar bħala operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'Malta. L-Awtorità għandha tiżgura li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jaġixxi skont dan ir-regolament u r-regolament 14 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-abbiltà għal żmien twil tas-sistema biex jintlaħqu domandi raġonevoli għad-distribuzzjoni tal-elettriku, għall-operazzjoni, manutenzjoni u żvilupp taħt kundizzjonijiet ekonomiċi ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku sigura, affidabbli u effiċjenti bil-għan li tiġi żgurata kontinwità fil-provvisti tal-elettriku f'Malta filwaqt li tingħata mportanza għall-ambjent u effiċjenza fl-enerġija. F'kull każ, huwa m'għandux jiddiskrimina bejn utenti tas-sistema jew kategoriji ta' utenti tas-sistema, b'mod partikolari favur l-intrapriżi relatati tiegħu.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi lil utenti tas-sistema bl-informazzjoni li jeħtieġu għal aċċess effiċjenti fis-sistema, inkluż kif din tiġi użata.

(4) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, meta jkun qiegħed jiddispaċċa installazzjonijiet ġenerattivi, għandu jagħti prijorità lil installazzjonijiet ġenerattivi li jkunu jużaw sorsi tal-enerġija li jiġġeddu jew skart jew li jkunu jipproduċi flimkien kemm sħana kemm qawwa, kemm-il darba dan ikun teknikament possibbli u ma jkunx jaffetwa b'mod negattiv l-istabbiltà jew id-dipendenza tas-sistema.

(5) Kull operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jikseb l-enerġija li juża biex ikopri telf fl-enerġija u l-kapaċità ta' riżerva fis-sistema tiegħu skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u bbażati fuq is-suq, kull meta jkollu funzjoni bħal dik.

(6) Il-Korporazzjoni Enemalta hija responsabbli għad-dispaċċ tal-impjant ta' ġenerazzjoni u għall-ibbilanċjar tas-sistema ta' distribuzzjoni. Il-Korporazzjoni Enemalta għanda tkun ukoll responsabbli li tiżgura jekk xi servizz anċillari meħtieġ ikunx disponibbli, skont kif jista' jiġi ordnat mill-Awtorità. L-Awtorità tista' tordna lill-Korporazzjoni Enemalta biex tiżviluppa skont ir-regolament 21 ta' dawn ir-regolamenti, bla ħsara għal kull approvazzjoni tagħha qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom u f'dak iż-żmien skont ma tista' tistabbilixxi:

(a) regoli għal skedar u kriterji għad-dispaċċ li jkunu jqisu l-obbligi kuntrattwali inklużi dawk li joħorġu mill-ispeċifikazzjonijiet dwar il-proċeduri tal-offerti, l-obbligi tas-servizz pubbliku, il-preċedenza ekonomika li jinkiseb l-elettriku minn stallazzjonijiet ta' ġenerazzjoni disponibbli u l-kostrizzjonijiet tekniċi fuq is-sistema; u

(b) regoli għall-ibbilanċar tas-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku u l-ħlas li għandu jsir mill-utenti tas-sistema tan-*networks* tagħhom għall-ibbilanċar fl-enerġija u biex ikun hemm bilanċar fis-servizzi. Il-termini u l-kondizzjonijiet, inklużi regoli u tariffi, għall-għoti ta' dawk is-servizzi għandhom ikunu jirriflettu l-ispejjeż.

Iżda, f'kull każ, dak it-tagħrif għandu jinħareġ fi żmien xahar minn meta tasal applikazzjoni mingħand l-ewwel produttur li ma jkunx il-Korporazzjoni Enemalta, għal awtorizzazzjoni biex jibni ġeneratur li jkun soġġett għal dispaċċ:

Iżda wkoll l-Awtorità għandha tivverifika li dawn ir-regoli jkunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(7) Meta jkun qed jiġi ppjanat l-iżvilupp tan-*network* tad-distribuzzjoni, għandhom jiġu meqjusa mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni miżuri ta' tmexxija dwar l-effiċjenza fl-enerġija jew l-aspett tad-domanda jew ġenerazzjoni distribwita li jistgħu jissostitwixxu l-ħtieġa li jitgħolla l-livell tal-kapaċità tal-elettriku jew li din tiġi sostitwita. It-tmexxija tal-aspett tad-domanda tista' tinkludi teknoloġiji ta' tmexxija f'ħin reali bħal m'huma sistemi avvanzati ta' tkejjil bl-arloġġ.

(8) Meta jkunu qegħdin jiġu ppjanati interkonnessjonijiet ma' sistemi oħra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jqis b'mod speċjali s-sitwazzjoni ġeografika

speċifika ta' Malta, il-ħtieġa li jżomm bilanċ raġonevoli bejn l-ispejjeż biex jibni interkonnetturi ġodda u l-benefiċċju għall-klijenti aħħarin ta' dik l-interkonnessjoni, u jekk ikun adatt, jiżgura li jintużaw interkonnetturi eżistenti b'mod kemm jista' jkun effiċjenti.

(9) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jistabbilixxi u jħares il-kwalità ta' provvista u l-għanijiet ta' twettiq ta' sikurezza tan-*network*. L-għanijiet tat-twettiq għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u għandhom jiġu pubblikati:

Iżda dawk l-għanijiet tat-twettiq għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni u l-monitoraġġ tal-Awtorità.

(10) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, qabel l-adozzjoni ta' xi miżura msemmija f'dan ir-regolament, iqis l-impatt ta' dawk il-miżuri fuq l-ispejjeż tal-elettriku għall-klijenti aħħarin.

Obbligazzjoni ta' kunfidenzjalità tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

14. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 16 ta' dawn ir-regolamenti jew għal kull dmir ieħor skont il-liġi li tiġi żvelata informazzjoni, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva u li tiġi miksuba fil-kors tal-ġestjoni tan-negozju tiegħu, u għandu jevita informazzjoni dwar l-attivitajiet tiegħu li jistgħu jkunu kummerċjalment vantaġġużi milli dawn jiġu żvelati b'mod diskriminatorju.

Sistemi ta' distribuzzjoni magħluqa.

15. (1) L-Awtorità tista' tikklassifika sistema li tiddistribwixxi l-elettriku ġewwa sit industrijali, kummerċjali jew maqsumin ma' oħrajn li jkun imdawwar b'mod ġeografiku u li, mingħajr preġudizzju għas-subregolament (4) ta' dan ir-regolament, ma jkunx jipprovdi lil klijenti domestiċi, bħala sistema ta' distribuzzjoni magħluqa jekk:

(a) għal raġunijiet speċifiċi tekniċi jew ta' sigurtà, l-operazzjonijiet jew il-proċess ta' produzzjoni tal-utenti ta' dik is-sistema jkunu integrati; jew

(b) dik is-sistema tkun tiddistribwixxi l-elettriku primarjament għas-sid jew l-operatur tas-sistema jew l-intrapriżi relatati tagħhom.

(2) L-Awtorità tista' teżenta lill-operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni magħluqa mill-ħtieġa taħt is-subregolament (5) tar-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti li jikseb l-enerġija li juża biex ikopri telf ta' enerġija u jirriżerva l-kapaċità fis-sistema tiegħu skont proċeduri trasparenti, mhux diskriminatorji u proċeduri bbażati fuq is-suq.

(3) L-użu inċidentali li jsir minn għadd żgħir ta' abitazzjonijiet domestiċi b'assoċjazzjonijiet ta' impjieg jew oħrajn simili mas-sid tas-sistema ta' distribuzzjoni u li jkunu jinsabu fiż-żona moqdija minn sistema ta' distribuzzjoni magħluqa m'għandux jipprojbixxi milli tingħata eżenzjoni taħt is-subregolament (2) ta' dan ir-regolament.

Dritt ta' aċċess għal kontijiet.

16. (1) L-Awtorità għandu jkollha, kemm-il darba dan ikun meħtieġ biex twettaq il-funzjonijiet tagħha, dritt ta' aċċess għall-kontijiet ta' intrapriżi tal-elettriku kif stipulat fir-regolament 17.

(2) L-Awtorità għandha żżomm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni li tkun kummerċjalment sensittiva. L-Awtorità tista' tiżvela dik l-informazzjoni meta dan ikun meħtieġ biex l-Awtorità tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha.

Diżaggregazjoni ta' kontijiet.

17. (1) L-Awtorità għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-kontijiet ta' intrapriżi tal-elettriku jinżammu skont is-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament.

(2) L-intrapriżi tal-elettriku, tkun xi tkun is-sistema ta' proprjetà jew forma legali tagħhom, għandhom ifasslu, jippreżentaw għall-verifika u jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom skont ir-regoli tal-Att dwar il-Kumpanniji fir-rigward tal-preparazzjoni tal-kontijiet annwali ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata. Intrapriżi li ma jkunux obbligati bil-liġi li jippubblikaw il-kontijiet annwali tagħhom għandhom iżommu kopja tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku fl-uffiċċju prinċipali tagħhom.

Kap. 386.

(3) Intrapriżi tal-elettriku għandhom, meta jkunu qegħdin jagħmlu l-kontijiet interni tagħhom, iżommu kontijiet separati għal kull attività ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni jew provvista tagħhom bħalma kienu jkunu meħtieġa jagħmlu li kieku l-attivitajiet in kwistjoni saru minn intrapriżi separati, bil-għan li jevitaw diskriminazzjoni, sussidizzazzjoni trasversali u tfixkil fil-kompetizzjoni. Għandhom ukoll iżommu kontijiet, li jistgħu jkunu konsolidati, għal attivitajiet oħra tal-elettriku li ma jkollhomx

x'jaqsmu mad-distribuzzjoni. Id-dħul li jkun ġej mill-propjetà tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun speċifikat fil-kontijiet. Meta jkun adatt, għandhom iżommu kontijiet konsolidati għal attivitajiet oħra, li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-elettriku. Il-kontijiet interni għandhom ikunu jinkludu karta tal-bilanċ u kont tal-profitti u telf għal kull attività.

(4) Il-verifika msemmija fis-subregolament (2) għandha, b'mod partikolari, teżiġi li tkun qegħda tiġi rispettata l-obbligazzjoni li tiġi evitata kull diskriminazzjoni u sussidji trasversali msemmija fis-subregolament (3).

(5) Il-kontijiet ta' kull sena għandhom jindikaw fin-noti tagħhom kull operazzjoni ta' ċerta entità li tkun saret ma' intrapriżi relatati.

Linji diretti.

18. (1) Meta l-aċċess għal *network* jiġi miċħud mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minħabba f 'nuqqas ta' kapaċità, l-Awtorità tista' tawtorizza lill-applikant li jiġi miċħud lilu l-aċċess biex jikkostruwixxi linja diretta mhux konnessa mas-sistema ta' distribuzzjoni għall-finijiet ta' faċilità fil-provvista tal-elettriku li dwaru tkun saret l-applikazzjoni għall-użu tas-sistema ta' distribuzzjoni u din tkun ġiet miċħuda.

(2) L-Awtorità għandha tistabbilixxi l-kriterji għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni ta' linji diretti. Dawk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u mhux diskriminatorji.

(3) L-Awtorità tista' tiċħad li tawtorizza l-kostruzzjoni ta' linja diretta jekk dik l-għoti ta' awtorizzazzjoni tkun tostakola l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' kull liġi oħra. Għandhom jingħataw raġunijiet motivati kif imiss għal dak ir-rifjut.

(4) Awtorizzazzjoni biex tiġi kostruwita linja diretta li tingħata mill-Awtorità taħt dan ir-regolament tkun teħtieġ lill-persuna li lilha tiġi mogħtija l-awtorizzazzjoni li tħares dawk il-kundizzjonijiet tekniċi u oħrajn, inklużi dawk li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-linji diretti jkunu kompatibbli mas-sistema ta' distribuzzjoni , sa fejn l-Awtorità tista' tispeċifika fl-awtorizzazzjoni.

Indipendenza tal-Awtorità.

19. Meta l-Awtorità tkun qegħda twettaq il-ħidmiet regolatorji mogħtijin lilha b'dawn ir-regolamenti hija għandha:

(a) tkun funzjonalment indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra;

(b) tiżgura li l-persunal u l-persuni responsabbli għat-tmexxija tagħha:

(i) jaġixxu indipendentement minn kull interess fis-suq; u

(ii) ma jfittxux jew jieħdux struzzjonijiet diretti mingħand xi gvern jew entità oħra pubblika jew privata meta jkunu qegħdin iwettqu il-ħidmiet regolatorji:

Iżda din il-ħtieġa hi mingħajr preġudizzju għal koperazzjoni mill-qrib, kif ikun adatt, ma' awtoritajiet oħra nazzjonali rilevanti jew għal linji gwida ta' politka ġenerali maħruġa mill-Gvern li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-poteri regolatorji u dmirijiet taħt ir-regolament 21 ta' dawn ir-regolamenti.

Għanijiet ġenerali tal-Awtorità.

20. Fit-twettiq tal-ħidmiet regolatorji msemmija f'dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tieħu kull miżura raġonevoli skont dawn il-finijiet li ġejjin fil-kuntest tad-dmirijiet u s-setgħat tagħha kif stabbiliti fir-regolament 31 ta' dawn ir-regolamenti, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali oħra rilevanti inklużi awtoritajiet dwar il-kompetizzjoni, kif adatt, u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tagħhom:

(a) ittejjeb, f'koperazzjoni mill-qrib mal-Aġenzija, awtoritajiet regolatorji ta' Stati Membri oħra u l-Kummissjoni, suq intern tal-elettriku kompetittiv, sikur u ambjentalment sostenibbli fi ħdan il-Komunità, u ftuħ effettiv tas-suq għall-klijenti u l-provdituri kollha fil-Komunità u tiżgura kundizzjonijiet adatti għall-operazzjoni effettiva u affidabbli tan-*networks* tal-elettriku, filwaqt li tingħata mportanza għal għanijiet għal żmien twil;

(b) tiżviluppa swieq reġjonali kompetittivi u li jiffunzjonaw sew fi ħdan il-Komunità minħabba l-kisba tal-għanijiet msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan ir-regolament;

(ċ) telimina restrizzjonijiet fuq il-kummerċ tal-elettriku bejn Stati Membri, inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' trażmissjoni fuq il-fruntieri adatti biex iwieġbu għad-domanda u jkabbru l-integrazzjoni ta' swieq nazzjonali li jistgħu jiffaċilitaw l-influss elettriku mal-Komunità kollha;

(d) tgħin fil-kisba, bl-aktar mod effettiv fl-ispejjeż, l-iżvilupp ta' sistemi sikuri, affidabbli u effiċjenti mhux diskriminatorji orjentati lejn il-konsumatur, u ġġib 'il quddiem is-suffiċjenza tas-sistema u, skont l-għanijiet ta' politka tal-enerġija ġenerali, effiċjenza fl-enerġija kif ukoll l-integrazzjoni ta' produzzjoni tal-elettriku fuq skala kbira u fuq skala żgħira minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu u ġenerazzjoni distribwita kemm f'*networks* ta' trażmissjoni kemm f'dawk ta' distribuzzjoni;

(e) tiffaċilita aċċess għan-*network* għal kapaċità ġdida ta' ġenerazzjoni, b'mod partikolari billi tneħħi l-ostakoli li jistgħu jwaqqfu aċċess għal parteċipanti ġodda fis-suq u għall-elettriku minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu;

(f) tiżgura li l-operaturi ta' sistema u l-utenti tas-sistema jingħataw inċentivi adatti, kemm għal żmien qasir kemm għal żmien twil, biex iżidu kull effiċjenza tagħhom fit-twettiq tas-sistema u jniedu l-integrazzjoni tas-suq;

(ġ) tiżgura li l-klijenti jibbenefikaw mill-funzjonament effiċjenti tas-suq nazzjonali, billi ġġib 'il quddiem kompetizzjoni effettiva u tgħin fis-sigurtà tal-ħarsien tal-klijent;

(h) tgħin fil-kisba ta' *standards* għolja ta' servizz universali u pubbliku fil-provvista tal-elettriku, billi tikkontribwixxi għall-ħarsien ta' klijenti vulnerabbli.

Dmirijiet u setat tal-Awtorità.

21. (1) L-Awtorità għandu jkollha dawn id-dmirijiet li ġejjin:

(a) tistabbilixxi jew tapprova, skont il-kriterji trasparenti, tariffi ta' ġenerazzjoni, distribuzzjoni u ta' provvista tal-elettriku jew il-metodoloġiji tagħhom;

(b) tistabbilixxi jew tapprova, skont il-kriterji trasparenti, tariffi ta'xiri ta' elettriku mill-Enemalta fejn xieraq;

(ċ) tiżgura li jkun hemm ħarsien mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, kif ukoll mill-intrapriżi tal-elettriku, tal-obbligazzjonijiet tagħhom taħt dawn ir-regolamenti, leġislazzjoni oħra rilevanti u leġislazzjoni tal-Komunità, inklużi fi kwistjonijiet fuq fruntieri;

(d) tikkoopera fi kwistjonijiet fuq fruntieri mal-awtorità regolatorja jew mal-awtoritajiet ta' Stati Membri involuti u mal-Aġenzija;

(e) tħares u timplimenta deċizjonijiet rilevanti li jkunu infurzati legalment tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni;

(f) tirrapporta ta' kull sena l-attivitajiet u t-twettiq ta' dmirijietha lill-awtoritajiet rilevanti, lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu jkopru l-passi li jittieħdu u r-riżultati li jinkisbu dwar kull ħidma elenkata f'dan ir-regolament;

(ġ) tiżgura li m'hemm ebda sussidju trasversali bejn ġenerazzjoni, distribuzzjoni, provvista tal-elettriku u attivitajiet oħra;

(h) tissorvelja l-pjanijiet ta' investiment tal-operatur tas-sistema ta' distrubuzzjoni, u tipprovdi fir-rapport li tagħmel ta' kull sena valutazzjoni tal-pjanijiet ta' investiment tal-operatur tas-sistema ta' distrubuzzjoni dwar il-konsistenza tagħhom mal-pjan ta' żvilupp tan-*network* għal għaxar snin mifrux mal-Komunità kollha msemmija fl-Artikolu 8 (3)(b) tar-regolament (KE) Nru 714/2009; dik il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet biex jiġu emendati dawk il-pjanijiet ta' investiment;

(i) tissorvelja ħarsien ta' u tirrevedi t-twettiq tar-regoli ta' sikurezza u affidabbiltà dwar in-*network* u tistabbilixxi jew tapprova *standards* u ħtiġiet għall-kwalità ta' servizz u l-provvista jew tikkontribwixxi għal dan flimkien ma' awtoritajiet kompetenti oħra;

(j) tissorvelja l-livell ta' trasparenza, inklużi prezzijiet bl-ingrossa, u tiżgura l-konformità ta' intrapriżi tal-elettriku ma' obbligazzjonijiet ta' trasparenza;

(k) tissorvelja ż-żmien meħud minn operaturi ta' sistema ta' distribuzzjoni biex jagħmlu l-konnessjonijiet u t-tiswijiet;

(l) tgħin biex tiżgura, flimkien ma' awtoritajiet oħra rilevanti, li l-miżuri dwar il-ħarsien tal-klijent, inklużi dawk stabbiliti fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, ikunu effettivi u qegħdin jiġu infurzati;

(m) tiżgura aċċess għal *data* dwar il-konsum tal-klijent, li jkun hemm, biex jintuża b'għażla, format armonizzat li jiftiehem faċilment fuq livell nazzjonali għal *data* dwar il-konsum, u aċċess mgħaġġel għall-klijenti kollha għal dawk id-*data* taħt il-paragrafu (ġ) tal-punt 1 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(n) tissorvelja l-implimentazzjoni ta' regoli li għandhom x'jaqsmu mar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, provdituri u klijenti u partijiet oħra fis-suq skont ir-regolament (KE) Nru 714/2009;

(o) tissorvelja l-investiment fil-kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni f'dik li hi s-sikurezza tal-provvista;

(p) tissorvelja koperazzjoni teknika bejn il-Komunità u operaturi ta' sistema ta' trażmissjoni minn pajjiżi terzi;

(q) tissorvelja l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ħarsien msemmija fir-regolament 26 ta' dawn ir-regolamenti; u

(r) tikkontribwixxi għall-kompatibilità tal-proċessi ta' skambju ta' *data* għall-proċessi tas-suq l-iktar importanti f'livell reġjonali.

(2) Filwaqt li żżomm l-indipendenza tagħha, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħha u konsistenza mal-prinċipji ta' regolament aħjar, l-Awtorità għandha, kif ikun adatt, tikkoopera mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra meta tkun qegħda twettaq id-dmirijiet stabbiliti fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament.

(3) Kull approvazzjoni mogħtija mill-Awtorità taħt dawn ir-regolamenti hi mingħajr preġudizzju għal kull użu futur ġustifikat tas-setgħat tagħha taħt dan ir-regolament jew għal kull piena imposta minn awtoritajiet rilevanti oħra jew mill-Kummissjoni.

(4) L-Awtorità għandha tkun responsabbli li tistabbilixxi jew tapprova b'mod suffiċjenti bil-quddiem id-dħul fis-seħħ tagħhom, minn tal-inqas il-metodoloġiji użati biex jiġu kkalkulati jew stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għal:

(a) konnessjoni u aċċess għas-sistema ta' distribuzzjoni. inklużi tariffi ta' distribuzzjoni jew il-metodoloġiji tagħhom. Dawk it-tariffi jew metodoloġiji għandhom ikunu jippermettu li jsiru l-investimenti meħtieġa fin-*networks* b'mod li jkun jippermetti dawk l-investimenti biex tiġi żgurata l-vijabbiltà tan-*networks*;

(b) il-provvista ta' servizzi ta' bilanċ;

(ċ) aċċess għal infrastrutturi fuq il-fruntieri, inklużi l-proċeduri għall-allokazzjoni ta' kapaċità u maniġġar tal-konġestjoni;

(d) il-provvista tal-elettriku lill-klijenti;

(e) ix-xiri tal-elettriku mill-Enemalta, fejn adatt.

(5) Il-metodoloġiji jew it-termini u l-kundizzjonijiet msemmija fis-subregolament (4) għandhom jiġu pubblikati.

(6) Meta tkun qegħda tistabbilixxi jew tapprova t-tariffi jew metodoloġiji u s-servizzi ta' bilanċ, l-Awtorità għandha tiżgura li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jingħata inċentiva adatta, kemm għal perjodu qasir kemm għal perjodu twil, biex iżid l-effiċjenzi, ikabbar l-integrazzjoni tas-suq u s-sikurezza ta' provvista u jsostni attivitajiet relatati ta' riċerka.

(7) L-Awtorità għandha tissorvelja l-maniġġar tal-konġestjoni ta' sistemi tal-elettriku nazzjonali inklużi interkonnetturi, u l-implimentazzjoni ta' regoli ta' maniġġar tal-konġestjoni. Għal dak l-iskop, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jippreżenta r-regoli ta' maniġġar tal-konġestjoni tiegħu, inkluża l-allokazzjoni ta' kapaċità lill-Awtorità. L-Awtorità tista' titlob li jsiru emendi għal dawk ir-regoli.

(8) L-Awtorità tista' teħtieġ lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jekk ikun meħtieġ, jibdel it-termini u l-kundizzjonijiet, inklużi t-tariffi jew metodoloġiji msemmija f'dawn ir-regolamenti, biex tiżgura li dawn ikunu proporzjonati u applikati b'mod mhux diskriminatorju, u l-operatur b'dan il-mod dirett għandu jħarishom. L-Awtorità tista' tiffissa jew tapprova tariffi jew metodoloġiji ta' distribuzzjoni proviżorji u tiddeċiedi fuq il-miżuri ta' kumpens adatti jekk it-tariffi jew metodoloġiji ta' distribuzzjoni finali jkunu differenti minn dawk it-tariffi jew metodoloġiji proviżorji.

(9) Parti li jkollha xi lment kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni dwar l-obbligazzjonijiet ta' dak l-operatur taħt dawn ir-regolamenti tista' tirreferi l-ilment tagħha lill-Awtorità li, filwaqt li taġixxi bħala awtorità fir-riżoluzzjonijiet ta' tilwim, għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahrejn wara li tirċievi l-ilment. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn meta l-Awtorità tkun trid tikseb informazzjoni supplimentari. Dak il-perjodu estiż jista' jerġa' jiġi estiż bi ftehim ma' min ikun qed jagħmel l-ilment. Id-deċiżjoni tal-Awtorità għandu jkollha effett infurzat kemm-il darba u sakemm ma jiġix deċiż xort'oħra fl-appell.

(10) Parti li tiġi affettwata u li jkollha dritt li tilmenta dwar deċiżjoni fuq il-metodoloġiji adottati skont dan ir-regolament jew, meta l-Awtorità jkollha dmir li tikkonsulta dwar it-tariffi jew metodoloġiji proposti, tista', mhux iżjed tard minn xahrejn wara l-publikazzjoni tad-deċiżjoni jew tal-proposta għal deċiżjoni, tippreżenta ilment għal reviżjoni. Dak l-ilment m'għandux ikollu effett sospensiv.

(11) L-ilmenti msemmija fis-subregolamenti (9) u (10) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju ta' drittijiet ta' appell taħt il-liġi Komunitarja jew nazzjonali.

(12) Deċizjonijiet meħudin mill-Awtorità għandhom ikunu għal kollox motivati u ġustifikati hekk li jippermettu li ssir reviżjoni ġudizzjarja. Id-deċizjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku filwaqt li tinżamm il-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

Reġim regolatorju għal kwistjonijiet fuq il-fruntieri.

22. (1) L-Awtorità għandha tikkonsulta u tikkoopera mill-qrib ma' awtoritajiet regolatorji oħra inklużi awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' Stati Membri oħra, u għandha tipprovdi lilhom u lill-Aġenzija b'kull informazzjoni meħtieġa għat-twettiq ta' ħidmiethom taħt id-Direttiva 2009/72/KE. Dwar l-informazzjoni li tiġi skambjata, l-Awtorità għandha torbot lill-awtorità riċevitriċi li tiżgura l-istess livell ta' kunfidenzjalità bħal dak meħtieġ mill-Awtorità nnifisha.

(2) L-Awtorità għandha tikkoopera minn tal-inqas f'livell reġjonali biex:

(a) trawwem il-ħolqien ta' arranġamenti operattivi biex ikun hemm l-aħjar maniġġar tan-*network*, iġġib 'il quddiem skambji tal-elettriku konsolidati u l-allokazzjoni ta' kapaċità

fuq il-fruntieri, u biex ikun jista' jkun hemm livell suffiċjenti ta' kapaċità ta' interkonnessjoni, inkluż dik permezz ta' interkonnessjoni ġdida fi ħdan ir-reġjun u bejn ir-reġjuni biex ikun jista' jseħħ l-iżvilupp ta' kompetizzjoni effettiva u titjib fis-sikurezza ta' provvista, mingħajr ma ssir diskriminazzjoni bejn il-provvista ta' intrapriżi fi Stati Membri differenti;

(b) tikkoordina l-iżvilupp ta' kull kodiċi ta' *network*;

(ċ) tikkoordina l-iżvilupp tar-regoli li jirregolaw l-immaniġġar tal-konġestjoni.

(3) L-Awtorità għandu jkollha d-dritt tidħol f'arranġamenti ta' kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji oħra biex titrawwem il-koperazzjoni regolatorja.

(4) L-azzjonijiet msemmija fis-subregolament (2) għandhom jitwettqu, kif ikun adatt, f'konsultazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet nazzjonali oħra rilevanti u mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi speċifiċi tagħhom.

Żamma ta' reġistrazzjonijiet.

23. (1) Intrapriżi li jfornu l-provvista għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-Awtorità, awtoritajiet nazzjonali inkluż l-awtorità nazzjonali dwar il-kompetizzjoni, u l-Kummissjoni, għat-twettiq ta' ħidmiethom, minn tal-inqas għal ħames snin, id-*data* rilevanti li jkollha x'taqsam ma' kull transazzjoni f'kuntratti għall-provvista tal-elettriku u derivattiva dwar l-elettriku ma' klijenti bl-ingrossa u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Id-*data* msemmija f'subregola (1) ta' dan ir-regolament għandu jkun fiha dettalji dwar il-karatteristiċi tat-transazzjonijiet rilevanti bħal m'huma r-regoli dwar l-iskadenza, il-kunsinna u l-ħlas, il-kwantità, id-dati u ż-żminijiet ta' eżekuzzjoni u l-prezzijiet ta' transazzjoni u l-mezzi kif jiġu identifikati l-klijenti bl-ingrossa involuti, kif ukoll id-dettalji speċifiċi ta' kull kuntratt għall-provvista tal-gass u derivattivi dwar il-gass li ma jkunux ġew imħallsa.

(3) L-Awtorità tista' tiddeċiedi li tagħmel disponibbli għal parteċipanti fis-suq elementi ta' dik l-informazzjoni:

Iżda m'għandha tingħata ebda informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar kompetituri fis-suq individwali jew transazzjonijiet individwali:

Iżda wkoll, dan ir-regolament ma japplikax għal informazzjoni dwar strumenti finanzjarji li jaqgħu fl-iskop tad-Direttiva 2004/39/KE.

(4) Dwar it-transazzjonijiet dwar derivattivi tal-elettriku minn intrapriżi ta' provvista ma' klijenti bl-ingrossa u operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, dan ir-regolament għandu japplika biss ġaladarba il-Kummissjoni tkun adottat il-Linji Gwida li jfissru l-metodi u l-arranġamenti għaż-żamma ta' reġistrazzjonijiet kif ukoll il-forma u l-kontenut tad-*data* li għandhom ikunu miżmuma.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx joħolqu obbligazzjonijiet supplimentari lejn l-awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (1) għal entitajiet li jaqgħu fl-iskop tad-Direttiva 2004/39/KE.

(6) Fil-każ li l-awtoritajiet imsemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandhom bżonn li jkollhom aċċess għal *data* miżmuma mill-entitajiet li jaqgħu fl-iskop tad-Direttiva 2004/39/KE, l-awtoritajiet responsabbli taħt dik id-Direttiva għandhom jipprovdulhom id-*data* meħtieġa.

Miżuri ta' ħarsien.

24. Fil-każ ta' kriżi li tiġi f'daqqa fis-suq tal-enerġija u meta s-sigurtà jew is-sikurezza fiżika ta' persuni, apparat jew installazzjonijiet jew l-integrità ta' sistema tkun mhedda, l-Awtorità tista' temporanjament tieħu l-miżuri ta' ħarsien meħtieġa. Dawk il-miżuri għandhom jikkaġunaw l-inqas tfixkil possibbli fil-funzjonament tas-suq intern u m'għandhomx ikunu usa fl-iskop minn kemm ikun strettament meħtieġ biex jiġu rimedjati d-diffikultajiet li jiġru u li jseħħu f'daqqa. Il-Ministru għandu, mingħajr ebda dewmien, javża lill-Istati Membri l-oħra b'dawk il-miżuri, u lill-Kummissjoni:

Iżda l-Ministru għandu jemenda jew iħassar dawk il-miżuri wara deċiżjoni mill-Kummissjoni li dawk il-miżuri jkollhom jiġu emendati jew mħassra, jekk dawn ikunu jfixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ b'mod li jkun kuntrarju għall-interess komuni.

Aċċess għal u operazzjoni tas-sistema ta' distribuzzjoni.

25. (1) Bla ħsara għall-ħtiġiet li għandhom x'jaqsmu mal-manutenzjoni tal-affidabbiltà u s-sigurtà tas-sistema ta' distribuzzjoni, ibbażati fuq kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji stabbiliti mill-Awtorità:

(a) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jiggarantixxi d- d-distribuzzjoni tal-elettriku li jiġi prodott minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu;

(b) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu wkoll jipprovdi għal aċċess bi prijorità għas-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu;

(ċ) meta jkun qed jiddispaċċa installazzjonijiet ġenerattivi tal-elettriku, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jagħti prijorità lil installazzjonijiet ġenerattivi li jkunu jużaw sorsi tal-enerġija li jiġġeddu kemm-il darba l-operazzjoni sigura tas-sistema nazzjonali tal-elettriku tkun tippermetti dan u abbażi ta' kriterji trasparenti u mhux diskriminatorju. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jiżgura li jkun hemm sistema ta' distribuzzjoni adatta u li jkunu ittieħdu miżuri operattivi relatati mas-suq biex tiġi mnaqqsa kemm jista' jkun il-limitazzjoni fuq elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu. Jekk ikunu ttieħdu miżuri sinifikanti biex jiġu limitati s-sorsi tal-enerġija li jiġġeddu biex tiġi garantita s-sikurezza tas-sistema tal-elettriku nazzjonali u s-sikurezza ta' provvista ta' enerġija, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jirrapporta dwar dawk il-miżuri lill-Awtorità u jindika x'miżuri korrettivi jkun bi ħsiebu jieħu biex jevita limitazzjonijiet mhux adatti.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jistabbilixxi u jippubblika r-regoli *standard* tiegħu li jkollhom x'jaqsmu ma' kif għandhom jitħallsu u jinqasmu l-ispejjeż li jsiru għal adattamenti tekniċi, bħal m'huma l-konnessjonijiet mas-sistema ta' distribuzzjoni u l-infurzar tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-operazzjoni mtejba tas-sistema ta' distribuzzjoni, li jkunu meħtieġa biex jiġu integrati produtturi ġodda li jkunu qegħdin jitfgħu elettriku prodott minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu fis-sistema ta' distribuzzjoni. Dawk ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi lil kull produttur ġdid ta' enerġija li jkun jiġġenera elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu li jkun irid jiġi konness mas-sistema, b'kull informazzjoni komprensiva u meħtieġa, inklużi:

(a) kalkolu komprensiv u dettaljat tal-infiq assoċjat mal-konnessjoni;

(b) programm raġonevoli u preċiż biex tiġi riċevuta u proċessata t-talba għal konnessjoni mal-*grid*;

(ċ) programm raġonevoli lu jkun jindika kull konnessjoni proposta mal-grid:

Iżda l-produtturi tal-elettriku li jkunu jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu li jkun jeħtieġ li jiġi konness mal-grid, jistgħu joħorgu sejħa għall-offerta għax-xogħol ta' konnessjoni kemm-il darba dawn ikunu konformi għal *standards* speċifiċi u approvazzjoni teknika mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda wkoll il-produtturi tal-elettriku li jkunu jiġġeneraw l-elettriku minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu li jkun jeħtieġ li jiġi konness mal-grid għandhom jaġixxu skont il-kodiċi tan-*network*.

(4) L-Awtorità għandha tiżgura li t-tariffi li jiġu mħallsa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għad-distribuzzjoni tal-elettriku minn impjanti li jkunu jużaw sorsi tal-enerġija li jiġġeddu jkunu jirriflettu l-benefiċċji ta' nfiq li jkunu jirriżultaw mill-konnessjoni tal-impjant man-*network*. Dawk il-benefiċċji ta' nfiq jistgħu jkunu joriġinaw mill-użu dirett tal-*grid* b'vultaġġ baxx.

Klawżoli speċjali li jevitaw l-abbuż ta' pożizzjoni ta' monopolju mill-Korporazzjoni Enemalta.

26. (1) Il-Korporazzjoni Enemalta għandha tħejji proċeduri, bla ħsara għall-approvazzjoni bil-quddiem tal-Awtorità, biex tiżgura li x-xiri tal-elettriku isir b'mod indipendenti biżżejjed mill-bqija tal-kummerċ ta' Enemalta u li l-Enemalta ma tiddiskrimina kontra ebda produttur ieħor favur l-Enemalta. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti u jistgħu jinbidlu mill-Awtorità f'kull waqt li hi hekk tiddeċiedi.

(2) Il-Korporazzjoni Enemalta għandha żżomm jew tikseb livell adatt ta' riżerva ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni, inkluża d-disponibiltà ta' kapaċità ta' sostenn għal elettriku minn sorsi tal-enerġija li jiġġeddu u l-koġenerazzjoni, meta dan ikun teknikament meħtieġ, biex jiġu miksuba u miżmuma *standards* ta' affidabbiltà u jinżamm bilanċ bejn id-domanda u l-provvista u l-ħidma stabbli, kif stabbilit mill-Awtorità, għall-provvista tal-elettriku biex din tkun tista' tlaħħaq mad-domanda.

Ordnijiet ta' ħarsien.

27. (1) L-Awtorità tista' toħroġ ordni ta' ħarsien kontra kull min ikun, fil-fehma tagħha, kiser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew xi kundizzjoni ta' liċenza jew awtorizzazzjoni li tkun inħarġet taħthom.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Kull min jonqos mill jħares id-dispożizzjonijiet ta' xi ordni ta' ħarsien maħruġa mill-Awtorità, mingħajr preġudizzju għal kull responsabbiltà oħra taħt dawn ir-regolamenti, taħt l-Att jew xi liġi oħra, jkun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u ta' mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak ir-reat.

Reati.

28. (1) Kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi kundizzjoni tal-liċenza jew ta' xi awtorizzazzjoni jew approvazzjoni maħruġa taħthom, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn disgħa u sittin elf euro (€69,000) jew ta' elf u tliet mitt euro(€1,300) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak ir-reat.

(2) Kull min, meta tkun meħtieġa jew tiġi mitluba informazzjoni dwar dawn ir-regolamenti mill-Awtorità, volontarjament jew xjentement-

(a) jagħti informazzjoni falza, mhux eżatta jew li tqarraq; jew

(b) jipprovdi informazzjoni mhux kompluta; jew

(ċ) jonqos, mingħajr ebda raġuni valida, milli jipprovdi l-informazzjoni mitluba fiż-żmien mogħti lilu; jew

(d) iwaqqaf jew ifixkel xi investigazzjoni; jew

(e) iġib jew jipprovdi, jew jikkaġuna jew xjentement jippermetti li jinġieb jew jiġi provdut, xi dokument jew informazzjoni li jkun jaf li tkun falza f'xi aspett materjali,

ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u ta' mhux iżjed minn sittin elf euro (€60,000) għal kull ġurnata li matulha jkompli dak in-nuqqas.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, meta persuna tonqos milli tħares id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi liċenza jew kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, l-Awtorità tista' tirrevoka dik il-liċenza jew awtorizzazzjoni.

Penali amministrattivi.

29. L-Awtorità tista' timponi penali amministrattiva fuq kull min jikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li jonqos milli jħares xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità meta din tkun qegħda tiżgura li jiġu mħarsa dawn ir-regolamenti.

Jirrevoka A.L. 511 ta' l-2004.

30. Ir-Regolament tal-2004 dwar l-Elettriku, qegħdin b'dawn jiġu revokati.

B 2054

L-EWWEL SKEDA

Regolamenti 4 u 11

EŻENZJONIJIET MILL-ĦTIEĠA TA' AWTORIZZAZZJONI JEW LIĊENZA

1. Produttur li -

(a) jipproduċi elettriku unikament għall-użu tiegħu; u

(b) ma jkunx konness parallelament mas-sistema ta' distribuzzjoni; u

(ċ) ikun installa l-ogħla kapaċità totali ta' ġenerazzjoni ta' inqas minn 500 kVA.

2. Produttur li jkollu l-ogħla kapaċità totali ta' ġenerazzjoni kalkolata sa u inklużi 16 Amps għal kull fażi, fażi unika jew fażi multipla, 230/400V AC prodotti unikament minn sorsi li jiġġeddu ta' enerġija jew minn impjant ta' koġenerazzjoni, għandu jiġi eżentat mill-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni biex jibni l-istazzjon ta' ġenerazzjoni u mill-ħtieġa li jkollu liċenza imma xorta jibqa' meħtieġ javża lill-Awtorità, b'dik il-formola u b'dak il-mod kif l-Awtorità teħtieġu jagħmel qabel ma jibni dak l-impjant ta' ġenerazzjoni, filwaqt li jippreżenta lill-Awtorità dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' titolbu minn żmien għal żmien.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 8.

MIŻURI DWAR IL-ĦARSIEN TAL-KLIJENT

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli Komunitarji fuq il-ħarsien tal-konsumatur, partikolarment id-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 1997 fuq il-ħarsien ta' konsumaturi dwar kuntratti li jsiru mil-bogħod u d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 fuq pattijiet inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, il-miżuri msemmija fir-regolament 8 għandhom jiżguraw li l-klijenti:

(a) ikollhom dritt jagħmlu kuntratt mal-provditur tas-servizz tal-elettriku tagħhom li jkun jispeċifika:

(i) l-identità u l-indirizz tal-provditur;

(ii) is-servizzi provduti, il-livelli ta' kwalità tas-servizz offruti, kif ukoll iż-żmien għall-konnessjoni tal-bidu;

(iii) it-tipi ta' servizz ta' manutenzjoni meta jkunu offruti;

(iv) il-modi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata fuq kull tariffa u ħlas għall-manutenzjoni li japplikaw;

(v) għal kemm żmien idum il-kuntratt, il-kundizzjonijiet għat-tiġdid u t-tmiem ta' servizzi u tal-kuntratt u jekk ikunx permess li persuna tirtira mill-kuntratt mingħajr ebda ħlas;

(vi) kull kumpens u arranġament ta' ħlas lura li japplika jekk ma jitħarsux il-livelli ta' kwalità tas-servizz kuntrattat, inklużi kontijiet mhux korretti u li jdumu ma joħorġu;

(vii) il-metodu ta' kif jinbdew proċeduri għar-riżolviment ta' tilwimiet konformement mal-paragrafu (e) tal-partita 1 ta' din l-Iskeda;

(viii) l-informazzjoni li jkollha x'taqsam mad-drittijiet tal-konsumatur, inkluż x'għandu jsir mill-ilmenti u kull informazzjoni msemmija f'dan il-punt, li għandha titgħarraf permezz tal-kontijiet jew fuq il-*web site* tal-intrapriża tal-elettriku.

Il-kundizzjonijiet għandhom ikunu ġusti u magħrufin sew bil-quddiem. F'kull każ, din l-informazzjoni għandha tiġi provduta qabel ma jsir jew jiġi konfermat il-kuntratt. Meta l-kuntratti jsiru permezz ta' intermedjarji, kull informazzjoni li

jkollha x'taqsam ma' affarijiet imsemmija f'din il-partita għandhom ukoll jiġu provduti qabel ma jsir il-kuntratt;

(b) jingħataw avviż adegwat ta' kull intenzjoni li jinbidlu l-kundizzjonijiet kuntrattwali u jiġu mgħarrfa bid-dritt li għandhom li jirtiraw meta jingħata l-avviż. Il-provdituri ta' servizz għandhom javżaw lill-abbonati tagħhom direttament b'kull żjieda fil-ħlas, fi żmien adatt u mhux aktar tard minn perjodu wieħed normali tal-kontijiet wara li tibda sseħħ iż-żjieda b'mod trasparenti u li jiftiehem. Il-klijenti huma ħielsa li jirtiraw minn kuntratt jekk jiġri li ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet ġodda li jkunu ġew avżati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizz tal-elettriku;

(ċ) jirċievu informazzjoni trasparenti fuq il-prezzijiet u t-tariffi li jkunu japplikaw u fuq il-pattijiet u l-kundizzjonijiet *standard*, dwar l-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-elettriku;

(d) jiġu offruti b'għażla wiesgħa ta' metodi ta' ħlas, li ma jkunux jiddiskriminaw indebitament bejn il-klijenti. Kull sistema ta' ħlas bil-quddiem għandha tkun ġusta u tirrifletti b'mod adegwat il-konsum li x'aktarx isir. Kull differenza fil-pattijiet u kundizzjonijiet tkun tirrifletti fl-ispejjeż li l-provditur irid jagħmel fis-sistemi differenti ta' ħlas. Pattijiet u kundizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu ġusti u trasparenti. Dawn għandhom jingħataw f'lingwaġġ ċar u li jiftiehem u m'għandhomx ikunu jinkludu ostakli mhux kuntrattwali għat-twettiq tad-drittijiet tal-klijenti, bħal m'hi l-ħtieġa ta' dokumentazzjoni kuntrattwali eċċessiva. Il-klijenti għandhom jitħarsu minn metodi ta' bejgħ inġusti jew qarrieqa;

(e) jibbenefikaw minn proċeduri trasparenti, sempliċi u mhux kostużi biex jiġu ttrattati l-ilmenti tagħhom. Partikolarment, il-konsumaturi kollha jkunu intitolati għal *standard* għoli ta' servizz u maniġġar ta' ilmenti mill-provditur tas-servizz tal-elettriku tagħhom. Proċeduri ta' tpaċija barra l-qorti ta' tilwimiet bħal dawk għandhom iwasslu biex it-tilwim jiġi riżolut ġustament u fil-pront, preferibilment fi żmien tliet xhur, filwaqt li tiġi provduta, meta tkun hekk meħtieġa, sistema ta' ħlas lura u, jew kumpens. Dawn għandhom ikunu, meta jkun possibbli, konformi mal-prinċipji stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/257/KE tat-30 ta' Marzu 1998 fuq il-prinċipji li japplikaw għall-korpi responsabbli għat-tpaċija barra mill-qorti ta' tilwimiet mal-konsumaturi;

(f) ikunu mgħarrfa, meta jkollhom aċċess għas-servizz universali taħt dispożizzjonijiet konformi mas-subregolament (1) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, dwar id-drittijiet tagħhom li jirrigwardaw is-servizz universali;

(g) ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom d-*data* tagħhom dwar il-konsum, u jkunu jistgħu, permezz ta' ftehim espliċitu u bla ħlas, jagħtu lil kull intrapriża ta' provvista reġistrata aċċess għall-*metering data* tagħha. Il-

parti responsabbli għall-immaniġġar ta' *data* għandha tkun obbligata tagħti dawk id-*data* lill-intrapriża. L-Awtorità għandha tiddefinixxi format dwar id-*data* u proċedura għall-provdituri u konsumaturi biex dawn ikollhom aċċess għal dawk id-*data*. M'għandhom jitħallsu ebda spejjeż addizzjonali mill-konsumatur għal dak is-servizz;

(h) ikunu mgħarrfa sew bil-konsum attwali u bl-ispejjeż tal-elettriku biżżejjed ta' spiss li jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tal-elettriku tagħhom. Dik l-informazzjoni għandha tingħata billi jintuża perjodu ta' żmien biżżejjed, li jkun jieħu kont tal-kapaċità tat-tagħmir ta' *meter* li klijent ikollu u l-prodott tal-elettriku in kwistjoni. Għandu jittieħed kont dovut tal-effiċjenza tal-kost ta' dawk il-miżuri. M'għandhom jitħallsu ebda spejjeż addizzjonali mill-konsumatur għal dak is-servizz.

2. Enemalta għandha tiżgura l-implimentazzjoni ta' sistema ta' tikjil bil-*meter* li tkun intelliġenti li tkun tassisti fil-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi fis-suq tal-provvista tal-elettriku. L-implimentazzjoni ta' dawk is-sistemi ta' tikjil bil-*meter* tista' tkun soġġetta għal valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż kollha għal żmien twil u tal-benefiċċji għas-suq u għall-konsumatur individwali jew liema forma ta' tikjil bil-*meter* intelliġenti tkun ekonomikament raġonevoli u effettiva fil-kost u x'ikun il-perjodu ta' żmien fattibbli għad-distribuzzjoni tagħhom.

Enemalta għandha tiżgura l-interoperattività ta' dawk is-sistemi ta' tikjil bil-*meter* u għandu jkollha kull konsiderazzjoni dovuta għall-użu ta' *standards* adatti u għall-aħjar prattika u għall-importanza tal-iżvilupp tas-suq intern tal-elettriku.

B 2058

IT-TIELET SKEDA

Regolament 11 (2).

KRITERJI GĦALL-GĦOTI TA' AWTORIZZAZZJONIJIET

L-applikazzjoni għal xi awtorizzazzjoni tista' tiġi deċiża mill-Awtorità konformement ma' dawn il-kriterji li ġejjin:

(i) il-ħarsien tas-saħħa pubblika u s-sigurtà;

(ii) il-ħarsien tal-ambjent;

(iii) l-użu tal-art u lokalizzazzjoni;

(iv) l-użu ta' art pubblika;

(v) l-effiċjenza fl-enerġija;

(vi) ix-xorta ta' sorsi primarji;

(vii) il-karatteristiċi partikolari għall-applikant, bħal m'huma l-kapaċitajiet tekniċi, ekonomiċi u finanzjarji;

(viii) konformità ma' miżuri adottati skont ir-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti;

(ix) il-kontribuzzjoni tal-kapaċità ġenerattiva lejn iż-żieda fis-sehem tal-enerġija minn sorsi li jiġġeddu fil-konsum finali bl-ingrossa ta' enerġija;

(x) il-kontribuzzjoni ta' kapaċità ġenerattiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet.